



Brussell, 14 ta' Frar 2020
(OR. en)

5767/20

COMPET 42
IND 15
MI 36

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill Kompetittività tas-27-28 ta' Frar 2020</i> Patt Ekoloġiku Ewropew - transizzjoni għal industrija tal-UE ċirkolari u newtrali għall-klima <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota tal-Presidenza dwar "Patt Ekoloġiku Ewropew - transizzjoni għal industrija tal-UE ċirkolari u newtrali għall-klima" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Frar 2020.

Kunsill Kompetittività, 27 ta' Frar 2020

Patt Ekoloġiku Ewropew - transizzjoni għal industrija tal-UE ċirkolari u newtrali għall-klima
Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza għal skambju ta' fehmiet

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ippubblikat mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019, jistipula kif l-Ewropa għandha ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, tagħti spinta lill-ekonomija, ittejjeb is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tan-nies, tieħu ħsieb in-natura, u ma tħalli lil ħadd lura.

Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-oġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050, ħa nota tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku u stieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma f'konformità mal-approvazzjoni tiegħu tal-oġettiv tal-2050. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss ser jagħti kontribut sinifikanti għall-azzjoni klimatika.

Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew saħaq li l-leġislazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-UE jeħtieġ li jkunu konsistenti mat-twettiq tal-oġettiv tan-newtralità klimatika, u jikkontribwixxu għalih filwaqt li jiġu rrispettati kondizzjonijiet ekwi.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprovdi pjan direzzjonali b'politiki u miżuri biex titwassal il-bidla trasformattiva li għandna bżonn fis-setturi kollha. Ħafna minnhom ser jiġu implimentati fl-ewwel sena tal-mandat tal-Kummissjoni u jiffurmaw parti ewlenija mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020.

Il-Kummissjoni ħabbret li ser ittejjeb il-mod kif il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar u l-għodod ta' appoġġ tagħha jindirizzaw kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u innovazzjoni. L-oġettiv huwa li tiżgura li l-inizjattivi kollha tal-Patt Ekoloġiku jiksibu l-oġettivi tagħhom bl-iktar mod effettiv u bl-inqas piż u l-inizjattivi l-oħra kollha tal-UE jħarsu l-ġurament ekoloġiku li "ma ssirx ħsara".

Il-Presidenza Kroata tinsab lesta li tiffaċilita d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar il-proposti kollha f'dak il-kuntest.

Il-mobilizzazzjoni tal-industrija għal ekonomija nadifa u ċirkolari

L-industrija Ewropea għandha rwol ċentrali fil-futur tal-Ewropa bħala sors importanti ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. Bażi industrijali b'saħħitha hija l-pedament tal-kompetittività u l-prosperità tagħna. Mingħajr l-industrija moderna, ser ikun impossibbli li s-soċjetà timxi lejn futur sostenibbli, newtrali għall-klima u diġitali.

Kif deskritt fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima u ċirkolari teħtieġ il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-industrija. Hemm bżonn 25 sena – żmien ġenerazzjoni – biex wieħed jittrasforma settur industrijali u l-ktajjen tal-valur kollha. It-trasformazzjoni trid tiegħu lill-Ewropa minn ekonomija lineari għal waħda ċirkolari, jiġifieri minn waħda, li "tiegħu – toħloq – tbigħ – tarmi" għal waħda li ssewwi, tuża mill-ġdid, timmanifattura mill-ġdid u, la darba daww l-opzjonijiet jiġu eżawriti biss, tirriċikla u tiċċirkola r-riżorsi lura fil-produzzjoni. Biex ikunu lesti fl-2050, jeħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet u azzjonijiet fil-ħames snin li ġejjin.

Mudelli ta' negozju ġodda ffaċilitati mid-diġitalizzazzjoni huma meħtieġa b'mod urġenti biex tiġi aċċellerata ċ-ċirkolarità u tiġi promossa d-dematerjalizzazzjoni tal-ekonomija tagħna, u b'hekk l-Ewropa ssir inqas dipendenti fuq materjali primarji.

It-transizzjoni hija opportunità biex jitwessgħu attivitajiet ekonomiċi sostenibbli u intensivi fl-impjiegi. Hemm potenzjal sinifikanti fis-swieq globali għal teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi, prodotti u servizzi sostenibbli. Bl-istess mod, l-ekonomija ċirkolari toffri potenzjal kbir għal attivitajiet u impjiegi ġodda. Madankollu, it-trasformazzjoni hija kajmana u irregolari wisq.

Fl-istess ħin, sakemm ħafna sħab internazzjonali ma jikkondividux l-istess ambizzjoni bħall-UE, hekk kif l-UE żżid l-ambizzjoni tagħha dwar il-klima, hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dan iseħħ jew minħabba li l-produzzjoni tiġi trasferita mill-UE lejn pajjiżi oħra b'inqas ambizzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jew minħabba li l-prodotti tal-UE jiġu sostitwiti minn importazzjonijiet b'intensità ta' karbonju aktar qawwija. Jekk dan ir-riskju jimmaterjalizza, ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fl-emissjonijiet globali. Il-Kummissjoni għalhekk qed tqis mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera għal setturi magħżula (bil-ħsieb li tippreżenta proposta fl-2021).

F'Marzu 2020, il-Kummissjoni ser tadotta strateġija industrijali tal-UE. Din għandha tindirizza l-isfida doppja tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, u tindirizza l-oqsma ta' politika rilevanti kollha. L-Ewropa għandha tisfrutta l-potenzjal tat-trasformazzjoni diġitali li hija faċilitatur ewlieni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku. Ktajjen tal-valur industrijali ċirkolari aktar b'saħħithom huma kruċjali għal industrija tal-UE ekoloġika u sostenibbli u jippermettu vantaġġi kompetittivi għall-UE bħala innovatur li jwassal għan-newtralità tal-karbonju. Il-governanza korporattiva għandha tinbidel billi ħafna kumpaniji jiffukaw fuq ir-redditu finanzjarju fuq perijodu ta' żmien qasir meta mqabbel mal-iżvilupp u s-sostenibbiltà tagħhom fuq perijodu ta' żmien itwal. Il-promozzjoni ta' forom ġodda ta' kollaborazzjoni mal-industrija u l-investimenti f'katini tal-valur strateġiċi huma essenzjali. It-tiżiż tal-ktajjen tal-valur Ewropej huwa importanti f'kuntest globali biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali u l-awtonomija strateġika. Proġetti ta' interess komuni Ewropew huma fost l-għodod rilevanti għall-appoġġ ta' ktajjen tal-valur strateġiċi fil-livell tal-UE, iżda m'għandhomx ikunu l-uniċi.


L-industriji enerġetikament intensivi, bħall-azzar, is-sustanzi kimiċi u s-siment, huma indispensabbli għall-ekonomija tal-Ewropa, peress li jipprovdu diversi ktajjen tal-valur ewlenin. Id-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' dan is-settur huma essenzjali. Ir-rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-industriji enerġetikament intensivi huma xhieda tal-impenn tal-industrija lejn dawn l-oġettivi¹. Dawn jiddeskrivu azzjonijiet li jistgħu jipprovdu s-sinjali t-tajba tas-suq biex jiġu attirati investimenti ġodda fl-Ewropa, jgħinu lill-kumpaniji jimplimentaw mogħdijiet kosteffettivi lejn in-newtralità klimatika u jaħtfu opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-Ewropa u lil hinn minnha. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiffukaw ukoll fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata transizzjoni ġusta u li tiġi meqjusa l-ħtieġa li l-ħaddiema jiġu mgħammra b'ħiliet ġodda u li l-komunitajiet li jiddependu fuq dawn l-industriji jiġu meħjuna biex jimmaniġġjaw it-transizzjoni. L-iżgurar tal-provvista ta' materja prima sostenibbli meħtieġa għal teknoloġiji nodfa u diġitali huwa wkoll kwistjoni strateġika biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku.

¹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_19_6353

Flimkien mal-istrateġija industrijali, pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkolari ser jgħin fl-immodernizzar tal-ekonomija tal-UE u jgħib benefiċċji mill-opportunitajiet tal-ekonomija ċirkolari domestikament u globalment. Għan ewlieni tal-qafas ta' politika l-ġdid ser ikun li jstimula l-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal prodotti ċirkolari u newtrali għall-klima fl-UE u lil hinn minnha, kif ukoll ir-riorjenatazzjoni tal-ekonomija Ewropea lejn il-massimizzazzjoni taż-żamma tal-valur u l-minimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi primarji. Il-pjan ta' azzjoni ser jinkludi politika ta' "prodotti sostenibbli" li tiżgura li l-prodotti jkunu mfassla għas-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità u għal impatti ambjentali u soċjali mnaqqsa tul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom, fuq il-bażi ta' data komparabbli u verifikabbli. Ser jipprioritizza t-tnaqqis u l-użu mill-ġdid tal-materjali qabel ir-riċiklaġġ. Ser irawwem mudelli ġodda ta' negozju u jstabbilixxi rekwiżiti minimi biex prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent ma jitqegħdux fis-suq tal-UE. Ser isaħħaħ ir-responsabbiltà estiża tal-produttur.

It-transizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u b'impatt newtrali fuq il-klima ser tkun teħtieġ investiment sostanzjali madwar l-Ewropa kollha u rispons ta' politika b'saħħitha fil-livelli kollha. Huwa stmat li l-kisba tal-miri attwali għall-klima u l-enerġija għall-2030 teħtieġ EUR 260 biljun f'investiment annwali addizzjonali, li jirrappreżenta madwar 1.5 % tal-PDG tal-2018. Dan l-investiment ser ikun jeħtieġ il-mobilizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati. Fl-14 ta' Jannar, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Investiment għal Patt Ekoloġiku Ewropew biex jgħin ħalli jintlaħqu dawn il-ħtiġijiet ta' investiment (Illustrazzjoni 1). Mill-inqas 25 % tal-baġit fit-tul tal-UE għandu jkun iddedikat għall-azzjoni klimatika, u l-Bank Ewropew tal-Investiment, il-bank klimatiku tal-Ewropa, ser jipprovdi aktar appoġġ. Biex is-settur privat jikkontribwixxi għall-finanzjament tat-transizzjoni ekoloġika, fl-2020 il-Kummissjoni ser tippreżenta strateġija mġedda għall-finanzjament sostenibbli.

Illustrazzjoni 1. L-elementi ta' finanzjament taħt il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli



It-teknoloġiji diġitali huma xprunatur kritiku biex jintlaħqu l-oġettivi ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku f'hafta setturi differenti. Il-Kummissjoni beħsiebha tesplora miżuri biex tiżgura li t-teknoloġiji diġitali b'hafta-intelliġenza artifiċjali, il-5G, il-blockchain, il-cloud u l-edge computing u l-internet tal-oġġetti jkunu jistgħu jaċċelleraw u jimmassimizzaw l-impatt tal-politiki biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari u jipproteġu l-ambjent. Dawn it-teknoloġiji jistgħu jaċċelleraw l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-swieq tal-enerġija tal-Ewropa u jġiegħlu lill-konsumaturi jiffrankaw l-enerġija. Id-diġitalizzazzjoni tippreżenta wkoll opportunitajiet ġodda għall-monitoraġġ mill-bogħod tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma, jew għall-monitoraġġ u l-ottimizzar ta' kif jintużaw l-enerġija u r-riżorsi naturali. Fl-istess waqt l-Ewropa teħtieġ settur diġitali li jpoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba tiegħu. Fl-istess ħin, l-istrateġija diġitali li għadha kif ġiet adottata fiha miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni tal-ekonomija ċirkolari tas-settur innifsu, min-netwerks tal-broadband sa ċentri tad-data. Barra minn hekk, b'hafta parti mill-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni qed tippjana li tagħti fokus partikolari lill-qasam tal-elettronika, fejn ser tindirizza lakuni ta' ċirkolarità urġenti tal-apparati elettroniċi.

F'dan il-kuntest, il-Ministri għall-Kompetittività huma mistiedna jiddiskutu l-elementi ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew propost u jiskambjaw fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-politiki tal-UE u nazzjonali kif għandhom jappoġġaw il-kontribut tal-industrija għall-kisba tal-oġettiv tan-newtralità klimatika fl-2050? Huma meħtieġa politiki u miżuri speċifiċi għal setturi industrijali ewlenin biex tintlaħaq in-newtralità klimatika u l-oġettivi l-oħra tal-Patt Ekoloġiku?
2. Ir-rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-industrija enerġetikament intensivi, kemm huma konsistenti mat-tweġibiet għall-mistoqsijiet (1) u (2)? Liema azzjonijiet u miżuri jeħtieġ jittieħdu fil-livell tal-UE sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju?
3. Kif tista' d-diġitalizzazzjoni tiffaċilita u taċċellera it-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari?
